# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-1 ta' Frar, 2023

Avviz tat-Talba numru: 323/2022 CL

**Good Earth Distributors Ltd (C6370)**

**VERSUS**

**Mark Laus (KI nru 215968M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-10 ta' Novembru 2022 fejn is-socjeta attrici iddikjarat illi l-konvenut hu debitur fis-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin euro u hamsa u tletin centzmu (€1,144.35), rapprezentanti konsenja u/jew bejgh ta' prodotti u/jew servizzi lilu mis-socjeta attrici fuq inkarigu u struzzjonijiet tieghu stess in konnessjoni man-negozju bl-isem Sweet Tooth. Dan stante li tali somma, li tirrizulta mill-istatement u l-fatturi relattivi immarkati bhala Dok A, hi dovuta u dan ghad ma hallasx. Il-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jhallas l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittra legali datat 29 ta' Lulju 2022 Dok B, u ittra ufficjalii bin-numru 2196/2022 mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta Dok C, izda baqa' inadempjenti. Ghalhekk is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jigi iddikjarat u konsegwentement ikkundanat jhallas s-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin euro u hamsa u tletin centzmu (€1,144.35), bl-imghaxijiet fuq l-ghola rata permessa mill-Ligi sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut. Il-konvenut msejjah ghas-subizzjoni u qieghed jintalab minghajr pregudizzju u b'riserva ghal pretensjonijiet l-ohrajn kollha tas-socjeta esponenti fil-konfront tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut Mark Laus ipprezentat fit-18 ta' Jannar 2023, li permezz taghha ammetta t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba.

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, il-konvenut għażel li jammetti t-talba fil-konfront tiegħu. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*" Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista' biss jilqa' t- talba.

Ili din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill- proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elf, mija u erbgha u erbghin euro u hamsa u tletin centzmu (€1,144.35), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Settembru 2022[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri inkluz tal-mandat tas-sekwestru, ghandhom jithalsu mill-konvenuti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Data tal-preżentata tal-ittra ufficjali 166A